Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10708 — CURA / OCG / DEUTSCHE EUROSHOP JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 221/07)

1. Fit-30 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KG CURA Vermögensverwaltung GmbH & ampCo ("CURA", il-Ġermanja),

— Oaktree Capital Group, LLC ("OCG", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Deutsche EuroShop AG ("Deutsche EuroShop", il-Ġermanja).

CURA u OCG jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Deutsche EuroShop.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-23 ta' Mejju 2022.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CURA: attiva fil-proprjetà immobbli fis-setturi tax-xiri, tal-uffiċċji, tat-traffiku, tal-lukandi, residenzjali u industrijali prinċipalment fl-Ewropa,

— OCG: attiva f'fondi ta' investiment alternattivi u mhux tradizzjonali madwar id-dinja,

— Deutsche EuroShop: attiva fl-investimenti u l-ġestjoni tal-investimenti fiċ-ċentri tax-xiri fl-Ewropa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10708 — CURA / OCG / DEUTSCHE EUROSHOP JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË